IL-KUMMISSJONI EWROPEA

RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL- UNJONI EWROPEA GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 20.9.2011
KUMM(2011) 583 finali

2011/0250 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 jipprovdi għall-iffriżar tal-assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja.

(2) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 588/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill żied aktar ismijiet mal-lista tal-persuni fil-mira tal-iffriżar tal-assi. Dawn l-ismijiet li żdiedu jinkludu 3 entitajiet.

(3) Permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/ ... /PESK ta' ... Settembru 2011, il-Kunsill iddeċieda li għandha tiġi pprovduta deroga mill-iffriżar tal-assi, sabiex ikun żgurat li l-kumpaniji tal-UE ma jkunux ipprojbiti mill-irkupru ta' fondi li għandhom jieħdu mill-entitajiet elenkati taħt kuntratti li daħlu fihom qabel ma' dawn l-entitajiet ġew elenkati.

(4) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tidħol fis-seħħ, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jipproponu li jiġi emendat kif xieraq ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 765/2006.

2011/0250 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/…/PESK ta' ... Settembru 2011[1] li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/639/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006[2] jipprovdi għall-iffriżar tal-assi tal-President Lukashenko u ta' ċerti uffiċjali tal-Bjelorussja.

(2) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 588/2011 tal-20 ta' Ġunju 2011[3], il-Kunsill żied aktar ismijiet mal-lista tal-persuni fil-mira tal-iffriżar tal-assi. Dawn l-ismijiet li żdiedu jinkludu entitajiet.

(3) Permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/ ... /PESK ta' ... Settembru 2011, il-Kunsill iddeċieda li għandha tiġi pprovduta deroga mill-iffriżar tal-assi, sabiex ikun żgurat li l-kumpaniji tal-UE ma jkunux ipprojbiti mill-irkupru ta' fondi li għandhom jieħdu mill-entitajiet elenkati taħt kuntratti li daħlu fihom qabel ma' dawn l-entitajiet ġew elenkati.

(4) Din il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tidħol fis-seħħ, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu għalhekk jiġi emendat kif imiss,

---

[1] ĠU L … , …9.2011, p. … .
[2] ĠU L 134, 20.5. 2006, p. 1
[3] ĠU L 161, 21.6. 2011, p. 1 .

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Article 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 4a

B'deroga mill-Artikolu 2(1), fejn ħlas minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat(a) fl-Anness I jew l-Anness IA ikun dovut taħt kuntratt jew ftehim li ġie konkluż minn, jew obbligu li okkorra għall-persuna, l-entità jew il-korp ikkonċernat(a), qabel id-data li fiha dik il-persuna, l-entità jew il-korp kien/kienet innominat/innominata, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fuq il-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti kkonċernata iddeterminati li l-ħlas mhuwiex direttament jew indirettament għall-benefiċċju tal-persuna fiżika jew ġuridika jew entità elenakta fl-Anness I jew l-Anness IA; u

(ii) l-Istat Membru kkonċernat għandu, mill-anaqs ġimagħtejn qabel l-għoti tal-awtorizzazzjoni, jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni."

Article 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President